SECONDARY SCHOOLS ANNUAL EXAMINATIONS 2000

EDUCATIONAL ASSESSMENT UNIT - EDUCATION DIVISION

FORM 2 **RELIĠJON** TIME: 1 ½ Hrs.

Name:______________________________________ Class:__________

## A. Imla l-vojt bil-kliem ta' hawn taħt:

| nfusna -- firda -- nikkomunikaw -- qalb -- appostli -- diskors -- Madre Tereża -- kulħadd -- naħfru -- San Stiefnu |
|---|

1. Huwa l-ħażen fil-moħħ u fil- ______________________ tal-bniedem li jkisser il-komunikazzjoni.
2. Biex nistgħu ngħixu u niżviluppaw lilna __________________għandna bżonn xulxin.
3. L-isbaħ __________________ li Ġesù għamel fuq l-għaqda ta' bejnietna għamlu fl-Aħħar Ċena.
4. Il-ħidma li Ġesù ta lill- ____________________ għandha tibqa' titwettaq sa l-aħħar taż-żmien.
5. Ġesù tkellem bil-qawwa kollha kontra l-______________________ li ġġib il-ħsara u l-mewt.
6. It-talb huwa meta ____________________ ma' Alla b'moħħna u b'qalbna.
7. Mara li kienet meqjusa bħala l-aqwa appostlu tal-fqar fi żmienna hija ______________ ______________________
8. Alla waħdu hu s-Sid ta' ________________________ u ta' kollox.
9. ______________________________ huwa l-ewwel martri tal-Knisja.
10. Aħna rridu ______________________ biex inkunu tassew dixxipli ta' Kristu.

(10 marki)

## B. Imla din it-tisliba:




1. Alla għamel dan mal-poplu meta ta l-Liġi lil Mosè fuq il-muntanja Sinaj.
2. It-talba li għallimna Ġesù .
3. Hekk jissejjaħ il-grupp ta' ħbieb li flimkien jiffurmaw il-Knisja ta' Kristu.
4. Dan xi ħadd li pprefera li jmut għal Ġesù.
5. Hekk bdew jagħmlu l-appostli b'ilsna differenti.
6. Kif tissejjaħ il-familja ta' Alla llum.
7. Ħbieb speċjali ta' Ġesù li kellhom ikomplu x-xogħol tiegħu fid-dinja.
8. Fil-belt ta' Filippi, Pawlu u Sila, wara li ġew ikkundannati għas-swat, ġew mitfugħa hawn.
9. L-ewwel Papa u mexxej tal-Knisja.
10. Ir-raghaj tagħna li jmexxina lejn Alla l- Missier.

(10 marki)

## C. Aqra din il-Parabbola u wieġeb il-mistoqsijiet ta' warajha.

### IL-PARABBOLA TAS-SAMARITAN IT-TAJJEB

Ġesù qabad jgħid: 'Wieħed raġel kien nieżel minn Ġerusalemm, u waqa' f'idejn il-ħallelin; Dawn neżżgħuh, biċċruh bis-swat u telqu u ħallewh nofsu mejjet. Inzerta kien nieżel qassis minn dik it-triq u raħ, għadda minn mal-ġenb u baqa' sejjer. Hekk ukoll wieħed levita, meta wasal hemm u raħ, għadda minn mal-ġenb u baqa' sejjer.

Imma kien għaddej minn hemm wieħed Samaritan, wasal ħdejh, rah u tħassru. Resaq lejh, dewwielu l-ġrieħi biż-żejt u l-inbid u rabathomlu, mbagħad tellgħu fuq il-bhima tiegħu, wasslu f'lukanda u ħa ħsiebu. L-għada ħareġ biċċtejn flus, taħom lil tal-lukanda u qallu, 'Ħu ħsiebu, jekk tonfoq xi ħaġa iżjed, irroddhielek jien meta nerġa' ngħaddi.'

Minn dawn it-tlieta, int min jidhirlek li ġieb ruħu ta'proxxmu ma' dak li waqa' f'idejn il-ħallelin?"

"Min ħenn għalih," wieġbu l-għaref tal-Liġi.

"Mur'" qallu Ġesù, "u agħmel hekk int ukoll."

Mistoqsijiet:

| | Marki |
|---|---|
| 1. X'għamlu l-ħallelin lil dak ir-raġel li kien nieżel Ġeriko?<br>_______________ | 3 |
| 2. Min ra r-raġel mixħut fl-art u baqa' sejjer?<br>_______________ | 2 |
| 3. X'għamel is-Samaritan meta ra r-raġel mixħut ma' l-art?<br>_______________<br>_______________<br>_______________ | 5 |
| 4. Xi staqsa Ġesù lill-għaref tal-liġi wara li qal il-parabbola?<br>_______________ | 2 |
| 5. X'kienet it-tweġiba tal-għaref tal-Liġi?<br>_______________ | 2 |
| 6. Xi jrid jgħallimna Ġesù b'din il-parabbola?<br>_______________<br>_______________<br>_______________ | 6 |

## D. Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet:

1. Kompli: Id-dnub jifridna minn _______________ u minn _______________.
2. Permezz ta' min għadu Ġesù jwassal il-kelma tiegħu lilna?

   ___________________________________________________________________

3. a) Min kiteb il-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli?

   ___________________________________________________________________

   b) Għaliex dan il-ktieb huwa importanti ħafna għalina l-Maltin?

   ___________________________________________________________________

4. Min hu s-Sid ta' kulħadd u ta' kollox?

   ___________________________________________________________________

5. X'niċċelebraw fil-festa ta' Pentekoste (Għid il-Ħamsin)?

   ___________________________________________________________________

6. Semmi żewġ qaddisin li urew imħabba kbira lejn il-proxxmu?

   ___________________________________________________________________

7. Lil min tieħu ħsieb id-Dar tal-Providenza li waqqaf Mons. Mikiel Azzopardi?

   ___________________________________________________________________

8. X'jissejħu l-ittri li jikteb il-Papa lill-insara tad-dinja?

   ___________________________________________________________________

9. Xi tfisser 'Ittra Pastorali'?

   ___________________________________________________________________

10. X'jiġifieri titlob?

   ___________________________________________________________________

(20 marka)

## E. Wieġeb IVA jew LE fil-kaxxa ħdejn is-sentenza.

1. Il-Konċilju juwa meta l-isqfijiet tad-dinja kollha jingabru flimkien biex jiddiskutu fuq it-tagħlim tal-Knisja.---------- [ ]
2. San Stiefnu ma kienx dixxiplu ta' Ġesù.-------------------- [ ]
3. Il-Knisja dejjem ħadmet favur il-fqar. ---------------------- [ ]
4. Is-Samaritani kienu jinħabbu mil-Lhud. -------------------- [ ]
5. L-ewwel Papa kien San Ġużepp.---------------------------- [ ]
6. Il-Quddiesa hija importanti għax hija dawl u kuraġġ biex inżommu u nkattru l-għaqda fostna.-------------------- [ ]

7. Huwa tajjeb li jkolli l-ħbieb biex minn għandhom nissellef l-affarijiet.---------------------------------------------- [ ]

8. Fil-Quddiesa, fit-talba tal-fidili, aħna nwasslu quddiem Alla l-bżonnijiet tagħna. -------------------------------------- [ ]

9. Pietru kien il-kap ta' l-appostli. ----------------------------- [ ]

10. Fil-bidu tal-Quddiesa nagħtu l-paċi lil xulxin.--------------- [ ]

(10 marki)

---

**F. Ikteb mhux anqas minn ħames sentenzi fuq kull wieħed minn dawn is-suġġetti.**

1. Uri kif il-karità mal-proxxmu ma ssirx biss billi nagħtu l-flus lill-fqar.

2. Agħti raġunijiet importanti għaliex aħna għandna naħfru lil min jagħmlilna d-deni. Fisser fil-qosor dawn ir-raġunijiet.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

__________________________ Jekk fadallek x'tikteb itlob karta.

(30 marka)